VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,851, 6 ta' Jannar, 2012
Taqsima B

A.L. 1 tal-2012

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2012 dwar Tneħħija ta' Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (Iffriżar tal-Attiv) fir-rigward tal-Libja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar Tneħħija ta' Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (Iffriżar tal-Attiv) fir-rigward tal-Libja.

.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali;

"il-Kumitat" ifisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit taħt il-paragrafu 24 tar-Rizoluzzjoni 1970(2011);

"Il-Kunsill tas-Sigurta" tfisser il-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti; u

"id-Deċizjoni'' tfisser id-deċizjoni kif hemm riferenza għaliha fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

Test tad-Deċizjoni tal-Kunsill.

3. Għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att id-Deċizjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġiet adottata fis-16 ta' Diċembru 2011 qegħda tiġi publikata fl-ilsien Ingliz fl-iSkeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Tneħħija ta' xi entitajiet mill-Listi ta' Individwi u Entitajiet.

A.L. 116 tal-2011.

4. (1) Skont id-Deċizjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġiet adottata fis-16 ta' Diċembru 2011, salv id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti tal-2011 dwar Sanzjonijiet Ulterjuri tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jamahirija Għarbija Libjana, referenza għas-Central Bank of Libya u il-Libyan Arab Foreign Bank (LAFB) għandhom jiġu mħassra.

L.N. 406 tal-2011.

(2) Skont id-Deċizjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġiet adottata fis-16 ta' Diċembru 2011, salv id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 tar-Regolamenti tal-2011 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Jamaħirija Għarbija Libjana dwar id-Disponibbiltà ta' Attiv referenza għas-Central Bank of Libya u il-Libyan Arab Foreign Bank (LAFB), kull fejn jinsabu, għandhom jiġu mħassra.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

(Regolament 3)

Updated: 16 December 2011

SECURITY COUNCIL COMMITTEE ESTABLISHED PURSUANT TO RESOLUTION 1970 (2011) CONCERNING LIBYA

LIST OF INDIVIDUALS AND ENTITIES

List of Individuals Subject to the Measures Imposed by Paragraph 15 of Resolution 1970 (2011) (the Travel Ban) and/or Paragraph 17 of Resolution 1970 (2011) or Paragraph 19 of Resolution 1973 (2011) (the Assets Freeze)

On 26 February 2011, the Security Council adopted resolution 1970 (2011), paragraph 15 of which reads as follows:

"Travel ban

15. *Decides* that all Member States shall take the necessary measures to prevent the entry into or transit through their territories of individuals listed in Annex I of this resolution or designated by the Committee established pursuant to paragraph 24 below, provided that nothing in this paragraph shall oblige a State to refuse its own nationals entry into its territory;"

Exemptions to the travel ban are set out in paragraph 16 of the same resolution.

Paragraph 17 of resolution 1970 (2011) reads as follows:

"*Asset freeze*

17. *Decides* that all Member States shall freeze without delay all funds, other financial assets and economic resources which are on their territories, which are owned or controlled, directly or indirectly, by the individuals or entities listed in annex II of this resolution or designated by the Committee established pursuant to paragraph 24 below, or by individuals or entities acting on their behalf or at their direction, or by entities owned or controlled by them, and decides further that all Member States shall ensure that any funds, financial assets or economic resources are prevented from being made available by their nationals or by any individuals or entities within their territories, to or for the benefit of the individuals or entities listed in Annex II of this resolution or individuals designated by the Committee;"

Exemptions to the assets freeze are set out in paragraphs 19, 20 and 21 of the same resolution.